KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 75

Il-hamsa u sebgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Hamis 23 ta' Novembru 2017 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Graziella Enriquez | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

*75.1 Qari tal-ittri ta' apologiji ;*
*75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ;*
*75.3 Komunikazzjoni mis-Sindku ;*
*75.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ;*
*75.5 Rapporti ;*
*75.6 Laqgha Pubblika – Ottubru 2017*
*75.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u /jew Sotto Kumitati;*
*75.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*75.9 Mozzjonijiet ;*
***Engaging Lawyer to Draft Bye Laws – Kunsilliera P. Radmilli u M. Briguglio***
*75.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 75.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

75.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier P. Portelli biex jiġi skuzat min din il-laqgħa. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega wkoll li l-Kunsilliera Lisa Cassar Shaw giet ghas-seduta izda xhin indunat li kien hemm min ma jiflahx talbet li tigi skuzata. Kien hemm qbil ghal dawn l-assenzi b'apologija.

## 75.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

75.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti tas-seduta 74 ta' t-18 ta' Ottubru 2017 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

75.2.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina irreferiet ghal punt 74.4.1 u qalet li kien hemm prezenti wkoll il-Kunsilliera V. Galea Pace. Kien hemm qbil dwar dan.

75.2.3 Il-Kunsilliera M. Aquilina proponiet l-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet hekk kif maqbula. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. *Approvazzjoni tal-minuti 74_18/10/2017*

## 75.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

75.3.1 Is-Sindku irrefera ghal punt 74.3.3 dwar il-funtani fi Qui Si Sana. Il-Kunsill gie infurmat li qabel ma jigu msewwija mill-*Works* *Funtani Qui Si Sana*

*Department* ma jinghatax *handover* kif diga kien maqbul fil-Kunsill.

75.3.2 Dwar il-proġett tas-siġar fi Triq Dingli, il-Kunsill ġie infurmat li l-perit applika permezz ta' *summary application* mal-PA u l-permess mistenni li johrog f`Dicembru 2017. *Proġett Triq Dingli*

75.3.3 Il-Kunsill ġie infurmat li l-*camera* ta` fejn *bring in site* fi Qui Si Sana twahhlet u qeghda tahdem. Is-sistema ta' CCTV fi Gnien Indipendenza qeghda tahdem ukoll. *CCTV*

75.3.4 Il-Kunsill ġie infurmat li qiegħed isir progress fix-xoghol ta' restawr fuq il-pont ta' Triq Manwel Dimech u x-xoghol mistenni li jkun lest sa` nofs Jannar 2018. Is-Segretarju Ezekuttiv informa wkoll li kellem lill-Perit Edward Said dwar ir-*railing* għal fuq il-pont biex ikun hemm aktar sigurta. Il-Kunsill se jkun qieghed jsitalla fanal fit-tarag ta' ma genb il-pont li se jkun mqabbad mad-dawl tat-triq. *Xogħol fuq il-pont ta' Manwel Dimech*

75.3.5 Dwar il-problema tal-ħamiem, il-Kunsill kien waqqaf il-process ghal certu zmiem sabiex jistenna procedura gdida kif kien habbar is-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis. Il-Kunsill gie infurmat li s'issa ghadu ma sar xejn. Is-Sindku informa li se jiltaqghu s-Sibt u talab li jkun hemm presenza tal-Kunsilliera sabiex jitkompla l-*culling* u dan peress li ma hem xejn illegali b'daqsekk. *Hamiem*

75.3.6 Dwar punt 74.4.12 il-Kunsill gie infurmat li l-process ta` *funding* ta` Triq Guze Howard mal-PA huwa approvat ghal valur ta' Ewro 180,000. Il-Kunsill se jkun qieghed jiffirma f'Dicembru, 2017 u x-xoghol fit-triq mistenni jibda f'nofs Jannar 2018. Is-Sindku tkellem dwar il-fondi tas-CCPS. *Triq Guze Howard*

75.3.7 Il-Kunsilliera M. Aquilina talbet li tintbghat ittra ta` kondoljanzi lill-familja tas-Sindku taz-Zejtun. Kien hemm qbil dwar dan. *Kondoljanzi*

75.3.8 Is-Sindku informa li l-Kunsill ghamel *risk assessment report* tal-ufficini tal-Kunsill kif mitlub mil-OHSA. Minn dan ir-rapport hemm xi numru ta' rimedji li jridu jsiru fl-ufficju tal-Kunsill. Irid issir *refurbishment* tal-ufficju u ghal dan irid jigi allokat budget ghas-sena 2018. *Risk Assessment*

Kien hemm qbil li jsir. Is-Sindku issuggerixxa wkoll li jkun hemm sistema ta` *ticketign* minhabba numru ta` nies li jkun hawn filghodu ghal permessi. Kien hemm qbil dwar dan.

*Dahal il-Vici Sindku ghas-seduta fis-6.30pm*

*75.3.9* Is-Sindku qal li hemm hanut abbandunat fi Triq Manwel Dimech u s-Sindku talab lis-sid biex il-Kunsill jghalaq din il-faccata b`mod immeddjat. Kien hemm qbil dwar dan peress li din ser ttaffi l-problemi ta' rimi ta' skart b'mod illegali. *Post abbandunat fi Triq Manwel Dimech*

75.3.10 Il-Kunsill gie infurmat li fuq wara tal-Piazzetta hemm dar li se taqa u din ser tigi mibnija bhala parti mill-progett kollhu tal-Pjazzetta. *Piazzetta*

75.3.11 Is-Sindku informa dwar talba ghal progett fi Triq Parisio. Il-Kunsill gie infurmat li ghad hemm cans ta` hmistax il-gurnata biex issir sottomissjoni. *Triq Parisio*

## 75.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

75.4.1 Is-Sindku informa li l-Ministru tal-Affarijeit Barranin approva li l-Kunsill Lokali Tas-Sliema jidhol f'gemellagg mal-belt ta' Bialystok fil-Polonja. L-iffirmar jista jsir fi Bialystok f'nofs Dicembru 2017. *Bialystok*

Il-Kunsillier D. Muscat qal li hu ma jistax jitla fid-dati proposti u jhoss li hu ghandu jkun prezenti minhabba li dan hu d-dekasteru tieghu. D Muscat qal li ghanda tintalab data gdida ghall-iffirmar.

Is-Sindku qal li kellu jiehu decizjoni ghaliex il-Kunsill kien ilu jibdel id-dati u kellhu diversi kommunikazzjonijiet mas-Sindku ta` Bilaystok. Wara diskussjoni kien hemm qbil li ghal darba ohra nergghu nitolbu biex jinbiddlu d-dati tal-iffirmar. Il-Kunsill izda qabel li din tkun l-ahhar darba li tintalab tali bidla fid-dati, u li nitilghu fid-dati proposti min Bialystok.

75.4.2 Il-Kunsillier D. Muscat qal li dwar il-fuljett tal-Kunsill ma ttihditx decizjoni fil-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kienet ittiehdet decizjoni fil-Kunsill li kienet li l-Kunsill jistenna l-offerta min-naha tat-*Times of Malta* u din baqghet ma wasslitx. *Magazine tal-Kunsill*

Is-Sindku qal, la darba it-*Times of Malta* ma gewx bi proposta taghhom il-Kunsill ghandu jmexxi u jiddiskuti din il-materja bhala *Agenda item* ghas-seduta li jmiss.

75.4.3 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li ser ssir laqgha bejn il-Kunsill u c-Cermen tal-PA u li wara din l-laqgha se tinghata informazzjoni xi jkun intqal b'permezz ta' Konferenza Stampa. Laqgha mac-Chairman tal-PA

75.4.4 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li saret laqgha tal-Kumitat tal-Finanzi fejn fost affarijiet ohra gie diskuss kif l-MTA tghawna Ewro 3000 sabiex jsir tizjin tal-Milied fix-Xatt tas-Sliema. *Zmien il-Milied*

Il-Kunsill se jkun ukoll qed jarma *sound system* bhal kull sena mat-toroq ewlenin. Il-Kunsill kellhu ukoll talba mill-*Commerce Division* biex inhallsu parti mill-ispejjes ta' *Artisan Market* fi Triq Bisazza. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba.

Il-Kunsill gie infurmat li hemm Ewro 2000 biex jitneffqu ghal zmien il-Milied. Il-Vici Sindku propona li jkun hemm banda. Kien hemm qbil dwar il-banda mil-Kunsilliera prezenti. Kien hemm qbil ukoll li bhal ma jsir kull sena, ikun hemm pulizija tat-traffiku fit-8 u fit-13 ta` Dicembru 2017.

75.4.5 Dwar il-progett ta' latrina publika fix-Xatt, il-Kunsill kien gie infurmat li l-Perit Bezzina lesta l-pjanti. *Latrini -Ix Xatt*

*Il-Kunsillier D. Muscat gie skuzat li jitlaq mis-seduta fis-7.22pm*

75.4.5a Il-Kunsillier P. Radmilli propona li napplikaw ghall-fondi tal-PA u naghmluha ahna stess minghajr ma noqghodu ninvolvu entitajiet ohra u naqsmu spejjes. Is-Segretarju qal li jipreferi hekk ghax il-process huwa wiehed aktar dirett. Il-Kunsillier M. Briguglio propona emendi fil-pjanta sabiex l-*anti-room* ma tkunx tigi accessata mill-irgiel u min-nisa f'daqqa. Kien hem qbil dwar dan. Kien hem qbil li l-perit imexxi l-pjanti emendati ghall-*full development permit* mal-PA.

75.4.6 Il-Kunsill gie infurmat li kien hemm laqgha mat-TM dwar il-*mobilty scooters.* Is-Sindku qal li hemm bzonn li nirrangaw numru ta' kantunieri fil-bankini. Il-Kunsill inkariga lill-*contracts manager* biex ihejji rapport fejn hemm bzonn li jsiru r-rampi fit-toroq. Il-Kunsill ghandu jpoggi wkoll *warning signs*. *Mobilty scooters*

75.4.7 l-Kunsill gie infurmat li l-progett tat-TM dwar *cycling concept* wassal fl-ahhar u se jigi *launched* dalwaqt. *Cycling*

*Hareg il-Kunsillier J. Pillow mis-seduta fis 7.35pm u dahal lura fis-7.37*

75.4.8 Il-Kunsillier M. Briguglio fakkar fit-tabelli ta` 30 km/hr li kellu jiffinanzja t-TM. Il-Kunsill ghandu jerga jfakkar lit-TM. *Tabelli ta 30km*

75.4.9 Il-Kunsillier M. Briguglio irrimarka dwar dawn il-*poles* li qeghdin jitpoggew f`kantunieri u fejn garaxxijiet u saqsa jekk il-Kunsill hux se jibqa jhallashom hu. Kien hemm qbil li dawk li jsiru ghall-interess pubbliku jibqa jhallas il-Kunsill, filwaqt li dawk li jitpoggew quddiem garaxxijiet jithallsu mill-individwi stess li jixtiequhom. Kien hem qbil li din tibda mis-sena 2018. *Poles*

75.4.10 Il-Kunsillier M. Briguglio informa li hemm mera mkissra fi Triq Sant Elena ma` Triq Manwel Dimech. Il-Kunsillier M. Briguglio issuggerixxa wkoll li ghanda titpogga *bollard* fi Triq San Enriku ma Triq il-Kullegg l-Antik. Kien hemm qbil dwar dan. *Traffic mirror/bollard*

75.4.11 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa kif bqajna dwar l-izvilupp tal-Pjazzetta fejn Café Roma, fejn kien hemm approvazjoni ghal emendi fil-bankina u z-*zebra crossing*. Gie nnnotat li waqt li ghaddej ix-xoghol ma jkunx jista jsir xoghol iehor. Il-Kunsill offra biex jiltaqa` mar-residenti. *Piazzetta*

75.4.12 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li hemm bzonn li ssir il-bankina ta` Triq Tigne fejn il-Holiday Inn. *Bankina Triq Tigne*

*75.4.13* Dwar Townsquare, il-Kunsill gie infurmat li saret laqgha ohra u gie deciz il-programm. Ma tantx kien hemm ilmenti. *Townsquare*

*Hareg mis-seduta l-Vici fis7.56 u dahal lura fit-8pm*

75.4.14 Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar lill-Kunsilliera li hemm l-okkazjoni taz-zjara ta' delegati tal-*Commonwealth* u min irid jista jattendi. *Commonwealth*

75.4.15 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li Townsquare se jnehhu xi sigar, u l-perit qalilna li se jtina xi sigar li se nkunu nistghu nuzawhom ghal progett fi Triq Dingli. Il-Kunsill qabel. Sigar ta` Townsquare

75.4.16 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li mar il-Planning Authority dwar dar tal-1880 fi Triq il-Katidral u qal li l-Kunsill ghandu jitlob li jsir l-iskedar Triq il-Katidral

taghha. Ghandna niktbu lis-sovrattendenza tal-wirt kulturali biex tigi skedata ghaliex hemm hamest' id-djar ohra bhala fl-istess triq. Kien hemm qbil dwar dan.

75.4.17 Il-Kunsillier M. Briguiglio fakkar li hemm *slide* taht it-Torri li qeghda mkissra. Kien hemm qbil li dawn il-bandli jinbidlu fi progett is-sena d-diehla. Is-Sindku propona li naqbdu u naghmlua min-naha tal-Kunsill biex isir kemm jista jkun malajr. Progett taht it-Torri

*Il-Kunsillier M. Briguglio hareg mis-seduta fit-20.16 u dahal lura fit-20.20*

75.4.18 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet ghal punt 74.4.7 u qalet li l-gbir tal-iskart tal-Plaza minn Triq Bisazza ghadu qieghed isir kmieni filghodu. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kellem l-*contracts manager* u ghandu jghidilhom biex jibdew aktar tard wara li dan diga avzaw li mexxew il-hin tal-gbir min 5.30am ghal 6.00am. Gbir ta` skart – Plaza

75.4.19 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar il-*frames* tal-aluminium tar-reklami li qeghdin madwar tas-Sliema li hem numru minnhom ghadhom vojta u qal li l-post qieghed jidher traskurat. Il-Kunsillier J. Pillow issuggerixxa li l-Kunsill jaghmel messaggi ta' awgurju ghal zmien il-Milied u nwahhluhom fuq dawn il-*barriers*. Kien hemm qbil dwar dan. Slogans - Street furniture

## 75.5 RAPPORTI

75.5.1 Il-*contracts manager* informa lill-Kunsill li l-lattrini pubblici mhumiex qeghdin jitnaddfu u jinzammu kif suppost. Il-Kunsill kellu diversi ilmenti wkoll mir-residenti dwar dan. Kien hemm qbil li l-Kunsill johrog ittra ta' twissija skond il-*General Conditions of Contracts* u ssir laqgha mal-kuntrattur. Kien hemm qbil ukoll li ssir l-karta bl-iskeda tal-hinijiet tat-tindif tal-lattrini. *Latrini pubblici*

*Il-Vici Sindku hareg mis-seduta fit-20.32 u dahal lura fit-20.36*

75.5.2 Gie nnotat li s-servizz tal-gbir ta' skart goff qieghed jingghata tard. Il-Kunsill ghandu jerga jigbed l-attenzjoni tal-kuntrattur. *Bulky*

75.5.3 Il-Kunsill ircieva talba mis-Sindku tal-Qrendi, ghaliex hu jigi mis-sid *Latrina – Fejn it-Torri*

tat-Torri u talab li jiehu hsieb il-latrina li hemm taht it-Torri ghal persuni b`dizabilita. Il-Kunsill qabel li din tibqa taht l-amministrazzjoni tieghu biss. Il-Kunsillier P. Radmilli qal illi jekk xejn l-art tal-latrini pubblici hi tal-Awtorita tal-Artijiet.

*Il-Vici Sindku u l-Kunsillier M. Briguglio gew skuzati li jitilqu mis-seduta fit-8.43*

75.5.4 Gie pprezentat ir-rapport finanzjarju ta` kull kwart sa` Settembru 2017. Il-Kunsill gie infurmat li s`issa l-Kunsill mexa mal-*budge*t b`mod tajjeb. Ir-rapport finanzjarju sa` Settembru 2017 gie approvat mill-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju sa Settembru 2017*

***Kien hemm qbil li item 75.6 tigi posposta ghal aktar tard f`din is-seduta.***

**75.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

75.7.1 Il-Kunsill gie infurmat li ghall-iskart riciklat il-GreenPak kienet l-unika kumpanija li tefghet offerta. Il-Kunsillier P. Radmilli ta spjegazzjoni f`hiex tikkonsisti l-offerta u kien kuntent bil-proposta tal-GreenPak. Kien hemm qbil li qabel ma jigi iffirmat il-ftehim il-gdid, il-Kunsill ghandu jiltaqa` maghhom u nghidulhom b`affarijiet ohra li l-Kunsill jixtieq izid mal-proposti taghhom. *Greenpak*

**75.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

75.8.1 Il-Kunsilliera M. Aquilina irreferiet ghal pagament numru 4 u saqsiet ghalfejn wiehed mil-prezentaturi tas-serata Tas-Sliema Wirt u Niesha thallas filwaqt li l-prezentattrici l-ohra ma thallsitx. Gie spjegat il-fatt li fl-ahhar hin il-Kunsill kellu jsib xi hadd iehor flok is-Sur Lino Mintoff ghax inqalalu impenn iehor u kellna nhallsu lill-prezentatur li accetta li jipprezenta f`qasir zmien. L-ohra ghamlet dan b'mod volontarju.

75.8.2 Il-Kunsill irrefera ghall-pagament nurmu 11 dwar kaz numru 770/2011/YMS li l-Kunsill kellu jhallas minhabba hsara li saret f`*tyres* ta` individwu minhabba l-istat ta` *tarmac* min-naha tac-Chalet sa` Qui Si Sana. Il-Kunsill talab jekk dan jistax jigi

kkumpensat min-naha tal-*insurance* tal-Kunsill. Il-Kunsill ghandu jiccekkja dwar dan.

75.8.3 Dwar ix-xoghlijiet li saru fit-toroq mil-kuntrattur, il-Kunsill ghandu jiccekkja l-kwalita tal-konkos meta tkun ser issir bankina fit-tul.

75.8.4 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti. Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris proponiet l-approvazzjoni. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil mill-Kunsill u l-pagamenti tal-kontijiet gew approvati. ***Approvazzjoni tal-pagamenti***

## 75.9 MOZZJONIJIET

### *ENGAGING LAWYER TO DRAFT BYE LAWS – KUNSILLIERA P. RADMILLI U M. BRIGUGLIO*

75.9.1 Il-Kunsillier P. Radmilli ipprezenta mozzjoni sabiex jigi ngaggat avukat li jfassal numru ta' *bye-laws* li l-Kunsill ghandu bzonn jaghmel.

Il-Kunsillier P. Radmilli propona numru ta' *bye-laws* fl-istess mozzjoni. Kien hemm qbil dwar dan u kien hemm qbil ukoll li kull abbozz ghandhu jitla ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil ukoll li naraw kemm se tigi tiswa lill-Kunsill. Dawn il-punti ghal *bye laws* ghandhom jintbghatu lill-Kunsilliera permezz ta` email.

## 75.6 LAQGHA PUBBLIKA - OTTUBRU 2017

75.6.1 Il-Kunsill irrefera ghall-laqgha pubblika li saret f`Ottubru 2017 u gew diskussi diversi punti dwarha. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li ddispjacuta kif kien hemm il-Kunsillier P. Radmilli li spicca jghajjar lil xi uhud mir-rapprezentanti tal-entitajiet koncernati li l-Kunsill kien stieden hu stess biex ikunu fil-*panel*. Il-Kunsillier cahad li ghajjar lil xi hadd. Gie nnotat ukoll li l-moderatur ma ghennietx is-sitwazzjoni.

## 75.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

75.10.1 Is-seduta intemmet fl-10 ta` filghaxija. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 18 ta' Dicembru 2017 fis-6pm.

Minuti approvati llum 18 ta' Dicembru, 2017

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**